REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 127/2013

tat-13 ta' Frar 2013

li jemenda l-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) u t-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 jistabbilixxi lista ta' pajjiżi eliġibbli bbażata fuq il-lista tar-reċipjenti tal-għajnuna tal-Kumitat tal-Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD/DAC), li għandha tiġi emendata mill-Kummissjoni skont reviżjonijiet regolari mill-OECD/DAC tal-listi tagħhom ta' riċevituri tal-għajnuna.

(2) Għall-għan ta' definizzjoni ta' persuni eliġibbli biex jieħdu sehem fl-għotja ta' akkwisti pubbliċi jew kuntratti ta' għotjiet, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 jistabbilixxi il-lista tar-riċevituri tal-għajnuna tal-OECD/DAC, li għandha tiġi ppubblikata u aġġornata skont l-istess reviżjonijiet.

(3) Barra r-reviżjoni tal-lista tar-riċevituri tal-għajnuna tal-OECD/DAC, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 u tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b' dan. Il-Kummissjoni għandha wkoll taġġorna u tippubblika l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 u tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b'dan.

(4) Huwa għalhekk xieraq li jitħassar l-Oman mil-lista ta' pajjiżi eliġibbli skont l-Artikolu 1(1) kif stabbilit fl-Anness I, u jiġi aġġornat l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 skont dan.

(5) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati b'dan kif xieraq,

ADOTTAT IR-REGOLAMENT LI ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 huwa emendat kif ġej:

1. L-Anness I jinbidel bit-test li jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-Anness II jinbidel bl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

ANNESS I

PAJJIŻI ELIĠIBBLI TAĦT L-ARTIKOLU 1(1)

L-Amerika Latina

1. L-Arġentina
2. Il-Bolivja
3. Il-Brażil
4. Iċ-Ċilì
5. Il-Kolombja
6. Il-Kosta Rika
7. Kuba
8. L-Ekwador
9. El Salvador
10. Il-Gwatemala
11. Il-Ħonduras
12. Il-Messiku
13. In-Nikaragwa
14. Il-Panama
15. Il-Paragwaj
16. Il-Perù
17. L-Urugwaj
18. Il-Venezwela

L-Asja

19. L-Afganistan
20. Il-Bangladexx
21. Il-Butan
22. Il-Kambodja
23. Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
24. L-Indja
25. L-L-Indoneżja
26. Ir-Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea
27. Il-Laos
28. Il-Malasja
29. Il-Maldive
30. Il-Mongolja
31. Il-Mjanmar
32. In-Nepal
33. Il-Pakistan
34. Il-Filippini
35. Is-Sri Lanka
36. It-Tajlandja
37. Il-Vjetnam

L-Asja Ċentrali

38. Il-Kazakistan
39. Ir-Repubblika Kirgiża
40. It-Taġikistan
41. It-Turkmenistan
42. L-Użbekistan

Il-Lvant Nofsani

43. L-Iran
44. L-Iraq
45. Il-Jemen

L-Afrika t'Isfel

46. L-Afrika t'Isfel

ANNESS II

LISTA TAL-OECD/DAC TA' REĊIPJENTI TAL-ODA

Rapportar effettiv tal-flussi tal-2011, l-2012 u l-2013

Il-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati	Pajjiżi Oħrajn bi Dħul Baxx (DNG per capita < USD 1 005 fl-2010)	Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju Baxx (DNG per capita < USD 1 006 – USD 3 975 fl-2010)	Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju Għoli (DNG per capita < USD 3 976 – USD 12 275 fl-2007)
L-Afganistan	Il-Kenja	L-Armenja	L-Albanija
L-Angola	Ir-Repubblika Demokratika Popolari Tal-Korea	Il-Belize	L-Alġerija
Il-Bangladexx	Ir-Rep. Tal-Kirgistan	Il-Bolivja	(*) Angwilla
Il-Benin	Is-Sudan t'Isfel	Il-Kamerun	Antigwa u Barbuda
Il-Butan	It-Taġikistan	Il-Kap Verde	L-Arġentina
Burkina Faso	Iż-Żimbabwe	Ir-Rep. tal-Kongo	L-Ażerbajġan
Il-Burundi		Il-Côte d'Ivoire	Il-Bjelorussja
Il-Kambodja		L-Eġittu	Il-Bosnja-Ħerzegovina
Ir-Rep. tal-Afrika Ċentrali		El Salvador	Il-Botswana
Iċ-Ċad		Fiġi	Il-Brażil
Il-Komoros		Il-Ġeorġja	Iċ-Ċilì
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo		Il-Gana	Ir-Repubblika Popolari Taċ-Ċina
Ġibuti		Il-Gwatemala	Il-Kolombja
Il-Ginea Ekwatorjali		Il-Gujana	Il-Gżejjer Cook
L-Eritrea		Il-Ħonduras	Il-Kosta Rika
L-Etjopja		L-Indja	Kuba
Il-Gambja		L-Indonežja	Id-Dominika
Il-Ginea		L-Iraq	Ir-Repubblika Dominikana
Il-Ginea Bissaw		Il-Kosovo ([1])	L-Ekwador
Ħaiti		Il-Gżejjer Marshall	Dik Li Kienet Ir-Repubblika Jugoslava Tal-Maċedonja
Kiribati		Il-Mikronesja, Stati Fed.	Gabon
Il-Laos		Il-Moldova	Grenada
Il-Lesoto		Il-Mongolja	L-Iran
Il-Liberja		Il-Marokk	Il-Ġamajka
Il-Madagaskar		In-Nikaragwa	Il-Ġordan
Il-Malawi		In-Niġerja	Il-Kazakistan
Mali		Il-Pakistan	Il-Libanu
Il-Mawritanja		Il-Papwa Ginea Ġdida	Il-Libja
Il-Możambik		Il-Paragwaj	Il-Malasja
Il-Mjanmar		Il-Filippini	Il-Maldive

Il-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati	Pajjiżi Oħrajn bi Dħul Baxx (DNG per capita < USD 1 005 fl-2010)	Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju Baxx (DNG per capita < USD 1 006 – USD 3 975 fl-2010)	Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju Għoli (DNG per capita < USD 3 976 – USD 12 275 fl-2007)
In-Nepal		Is-Sri Lanka	Il-Mawrizju
In-Niġer		Is-Sważiland	Il-Messiku
Ir-Rwanda		Is-Sirja	Il-Montenegro
Is-Samoa		(*) It-Tokelaw	(*) Montserrat
São Tomé u Príncipe		Tonga	In-Namibja
Is-Senegal		It-Turkmenistan	Nawru
Sjerra Leone		L-Ukraina	Nju
Il-Gżejjer Solomon		L-Użbekistan	Il-Palaw
Is-Somalja		Il-Vjetnam	Il-Panama
Is-Sudan		Ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża	Il-Perù
It-Tanzania			Is-Serbja
It-Timor Leste			Is-Seychelles
It-Togo			L-Afrika t'Isfel
Tuvalu			(*) Sant'Elena
L-Uganda			Saint Kitts u Nevis
Il-Vanwatu			Sta. Luċija
Il-Jemen			Saint Vincent u l-Grenadini
Iż-Żambja			Is-Surinam
			It-Tajlandja
			It-Tuneżija
			It-Turkija
			L-Urugwaj
			Il-Venezwela
			(*) Wallis u Futuna

(*) Territorju.
([1]) dan huwa mingħajr preġudizzju għall-istatus tal-Kosovo skont il-liġi internazzjonali.